**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTA U TLETIN                8TA' ĠUNJU, 2022**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u  l-Kunsillieri  s-Sinjura Marisa D'Amato,  Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur  Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **36.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 36.1.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia informa li ma setgħax jattendi minħabba impenn ieħor. **Dok 1 mehmuż**. |
| | | |
| **36.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 36.2.1 | | Fir-rigward ta' punt 35.3.1, il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu kien preżenti f'din il-laqgħa u ma ġiex imniżżel fil-minuti.<br>Fir-rigward ta' punt 35.7.1 qal li l-kliem tat-tieni sentenza ried ikunu li s-Soċjetajiet taż-Żurrieq,  kienu ser jgħinu lill-Kunsill bi ħlas, għalhekk hu qal li s-Soċjetjiet mhu qed jgħatu xejn lura lill-Kunsill.  Hu qal li dan għandu jitniżżel fil-minuti. |
| | | |
| 36.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsa u tletin  - il seduta. |
| | | |
| ***36.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 36.3.1. | | Is-Sindku qalet li l-attivitajiet kollha li għamel il-Kunsill  ta' Jum iż-Żurrieq u Festa Ħut, kienu suċċess u rringrazzjat lil min ta l-għajnuna tiegħu. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Sindku qalet li nhar il-Ħadd ser issir il-premjazzjoni tal-logħba tal-boċċi mill-Guy Boċċi Klabb, għall-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq.<br><br>Is-Sindku tat key chain bl-arma taż-Żurrieq, lil kull kunsillier, bħal ma tat lit-tfal tal-iskola waqt Jum iż-Żurrieq.<br><br>Is-Sindku qalet li ser torganizza attivita għall-anzjani fit-23 ta' Ġunju, 2022 għal Għawdex. Il-booking ser jiftaħ dalwaqt. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| **36.4** | | **Mistiedna l-persuna li trid post taħt ir-rampa tal-Ħnejja biex iżżom affarijiet personali** |
| | | |
| 36.4.1 | | Persuna li fis-seduta ta' Frar kien talab lill-Kunsill biex jokkupa post taħt ir-rampa ta' fuq il-Ħnejja(Belle Veder), reġgħa ressaq it-talba tiegħu u kieteb ir-raġunijiet għaliex hu ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil li din il-persuna titressaq fis-seduta tal-lum. Is-Sinjur irringrazzja lill-Kunsill li laqgħawh fis-seduta u talab li jekk hu possibbli jingħalqu żewġ pilastru mir-rampa ta' fuq il-ħnejja, biex ipoġġi l-materjal tiegħu. Hu qal li jħoss li qed jagħmel xi ħaġa tajba għax qed jiġbed lit-turisti lejn iż-Żurrieq.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dik l-art hi tal-Gvern u għalhekk irid ikollu l-permessi meħtieġa mill-Lands.<br>Kien hemm qbil li l-persuna tqabbad perit biex japplika mal-Lands Department għal tali post. |
| | | |
| | | |
| ***36.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 36.5.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li ġaladarba l-photographers tal-attivitajiet tħallsu mill-Kunsill, ir-ritratti għandhom jittellgħu fuq il-paġna tal-Kunsill.<br>Is-Sindku qablet mal-Kunsillier Marisa D'Amato u qalet li dawn ser jitilgħu għada mill-impjegati tal-kunsill. |
| | | |
| 36.5.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• hemm bżonn jinbidlu l-pjanti yukka li hemm fil-bidu ta' Sqaq Oswarju u jinbidlu f' hibiscus. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Jeħtieġ li jibda jinqata l-ħaxix issa li beda Ġunju.<br>• Li l-Kunsill japplika għal skema fuq għajnuna għal manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal funtana ta' Ġnien il-Ġibjun u dik ta' Misraħ Mattia Preti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-funtana ta' Ġnien l-Ewropa, jiehdu ħsiebba Clean Malta. |
| | | |
| 36.5.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li :<br>• jeħtieġ li jitkompla jinqata l-haxix minn Ħal Millieri, għax fadal ftit x'jinqata. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex jinqata l-ħaxix minn Triq Dun Gejt Muscat.<br>• Il-Kunċert tas-Sajf ser isir fit-30 ta' Settembru, fis-sala tal-iskola.<br>• Qed jitħejja l-kalendarju u ser nibdew nitolbu tpinġija mit-tfal.<br>• Jeħtieġ li l-Kunsill jerġa jikteb lill-Perit ta' Infrastructure Malta – fuq is-service road ta' Vjal il-Blue Grotto, u ta' fejn hemm l-istabbilimenti.<br>• Triq il-Mitħna kien hemm tower crane u għamel ħsara fil-bankina – Kien hemm qbil li niċċekjaw il-permessi u nżommulu l-garanzija, jekk ma jirranġax il-ħsara li għamel.<br>• Prosit tal-organizzazjoni ta' Jum iż-Żurrieq, imma l-Kunsill irid joħloq regoli ġodda fuq l-għoti ta' Ġieħ iż-Żurrieq.<br>• Biex isir refresh ta' stop u zebra crossing ta' Vjal il-Blue Grotto fil-bidu taż-Żurrieq. |
| | | |
| 36.5.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li f'Mejju l-Kunsilliera rċievew email, fejn ġiet imniżla lista ta' kunsilliera bil-biro, li qablu ma rikonoxximent u din ġie mibgħuta lill-Kunsilliera kollha. Dan il-każ qatt ma jaf li sar qabel u hu fil-pożizzjoni tiegħu b'responsabbilta, ħass li f'dan il-każ hu ħass li kien skurat.<br>Il-Kunsilliera Tiffany Ann Attard qablet mal-Kunsillier Dino Bonnici fuq dan il-każ għax hi ġrala l-istess.<br>Dan il-każ ġara għax ma kienx hemm biżżejjed li wieġbu għal ċertu email u għalhekk waħda mill-iskrivana ikkuntatjat lill-kunsilliera kollha u meta ġew approvati 5, kitbithom u intbgħatet email biex tinforma min kienu l-5 kunsilliera. |
| | | |
| 36.5.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fuq fb reġa tqajjem il-punt fuq il-kuluri tal-bandiera taż-Żurrieq u qal li dan il-punt f'kull leġislatura jitqajjem. Hu qal li l-Kunsill għandu jkollu l-fatti f'idejh wara li jkellem lill-persuna li taf l-istorja.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-istemma u l-konfini saru kif bdew il-Kunsilli Lokali u huma parti mill-liġi tal-Kunsilli Lokali.<br><br>Is-Sindku qalet li tkellmet ma' studjuż u għandu jagħti dokumentazzjoni u dawn jitressu fil-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li kif il-Kunsill ikollu din id-dokumentazzjoni, il-Kunsill għandu joħroġ stqarrija fuq dan. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 36.5.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li:<br>• hemm siġra fi Triq l-Inġiniera ħierġa minn propjeta privata li qed ittellef il-purċissjonijiet.<br>• L-Onorevoli Ministru Dr Owen Bonnici, offra li jgħin lill-Kunsill għal kunċert fl-aħħar tas-sajf. Kien hemm qbil li dan il-punt jitqajjem f'seduta oħra.<br>• Biex isir patching fi Triq ta' Ciantar<br>• Informa li s-Sjr Dorianne Georgieva ser tifforma parti mis-sotto kumitat li jmexxi hu. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| **36.6** | | **Mistieden l-Onorevoli Perit Toni Bezzina** |
| | | |
| 36.6.1 | | Is-Sindku, f'isem il-Kunsill laqgħat lill-Onorevoli Perit Toni Bezzina li telgħa bħala membru parlamentari fl-aħħar elezzjoni ġenerali. Saret diskussjoni qasira. |
| | | |
| **36.7** | | **Mistieden l-Onorevoli Stanley Zammit** |
| | | |
| 36.7.1 | | Is-Sindku, f'isem il-Kunsill laqgħat lill-Onorevoli Stanley Zammit li telgħa bħala membru parlamentari fl-aħħar elezzjoni ġenerali. Saret diskussjoni qasira.<br><br>F'dan il-ħin ħarġet mis-Seduta l-Kunsillier Marisa D'Amato u daħal il-Kunsillier Kaydem Schembri. ( ħin 19:45) |
| | | |
| | | |
| **36.8** | | **RAPPORTI** |
| | | |
| 36.8.1 | | Ġiet moqrija l-'Management Letter' mill-Awditur u r-risposta għaliha. Dawn ġew approvati biex jiġu mibgħuta kif mitlub.<br><br>F'dan il-ħin ħarġet mis-Seduta l-Kunsillier Marisa D'Amato u daħal il-Kunsillier Kaydem Schembri. ( ħin 19:45), Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard ħarġet mis-seduta fit-20:30. |
| | | |
| | | |
| **36.9** | | **PA6673/20 – Mistiedna membri tal-familja Baldacchino flimkien mal-Perit tagħhom u l-konsulent tal-Kunsill fuq PA.** |
| | | |
| 36.9.1 | | Kienu preżenti l-Perit Ray Demicoli u s-Sinjuri Baldacchino. Il-konsulent kien talab aktar informazzjoni fuq is-sit fejn hemm Garden of Eden u fejn preżentament hem mil-parkeġġ. Il-Kunsill kien ħareġ stqarrija u tnaqqas l-intensita tal-bini u biex il-parkeġġ jiġi rijabilitat. Meta jkollhom il-photomontages jgħadduhom lill-Kunsill u dawn hekk għamlu, biex il-Kunsill jieħu d-deċiżjoni finali.<br><br>Il-Perit qal li dan il-proġett beda 6 snin ilu u l-ideja kienet li s-sit li hemm issir f'units żgħar li bħalissa hawn domanda għalihom. Saru l-istudji u fl-ewwel disinn, kienu qablu li tittieħed parti mill-parkeġġ biex ikun hemm iżjed units bil-veduta. Il-Konsulent qal li dak kien totalment illegali.<br><br>Il-perit qal li saru tibdiliet u tnaqqas l-ammont ta' bini u saru ħafna laqgħat mal-ERA, fejn intalbu li jżommu s-siġar eżistenti u jintuża l-ħajt tas-sejjieħ. Il-familja Baldacchino iddiskutew biex inkluż il-proġett imsemmi, ser jitnaddaf Wied Babu, biex ikun integrat mal-units. Saru diversi pjanti ta' units kemm ta' *one bedroom* u kemm ta' *two bedrooms*, bil-pool.<br>Biex jitnaqqas l-impatt tal-bini, tħawlu siġar u ser ikomplu jitħawlu biex anke mil-bogħod ma jidhirx il-bini. L-għoli tal-bini ser ikun il-biċċa l-kbira ta' 3 metri, ser |

| | | |
|---|---|---|
| | | ikun aktar baxx mis-sala Garden of Eden li hemm bħalissa. Il-bini mhux ser jaqbeż l-għoli tal-binja li teżisti bħalissa. Il-parkeġġ preżenti ser jinbena biex ikun hemm bilanċ ma fejn bħalissa tinsab Garden of Eden. Hemm units li ser ikunu għoli ta' sular wieħed u units oħra ta' żewġ sulari, imma dawn xorta mhux ser ikunu ogħla mill-bini preżenti minħabba d-diżlivelli. Il-bini eżeistenti hu ta' 1889metru kwadru filwaqt li dak propost hu ta' 1562metru kwadru. Inżammet id-distanza mill-kamra tan-nar skond kif titlob il-liġi. Dawn il-units ser inaqqsu l-*pollution* minħabba nuqqas ta' vetturi li ser jaslu sal-akwata, minflok il-vetturi li kienu jiffrekwentaw is-sit minħabba li s-sit kien sala ta' divertiment u issa ser isir sit ta' abitazzjoni ta' ftit ġranet.<br><br>Il-membri Baldacchino qalu li l-proposta ta' Wied Babu m'għandix bżonn permessi għax ser tkun tindif tal-iskart biss. Il-parti li tagħmel mal-baħar mhix tal-familja Baldacchino, għalhekk ser jibqa l-aċċess li kien hemm qabel għal baħar.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob kompromess li ċ-ċittadin Żurrieqi jingħata xi ħaġa in return lill-komunita ta' dan is-sit li ser isir.<br><br>Il-konsulent tal-Kunsill talab biex isir kompromess mal-Kunsill u preżentazzjoni aktar ċara. Il-foot print u l-ogħli tal-bini, kemm huma preżentament u kemm ser ikun. Intalab rapport fuq environmental risk assessment. Intalab draft ta' Wied Babu – il-familja Baldacchino qalet li tista tagħmel brain storming sessions imma għalissa jinsab fil-bogħod biex isir xi ftehim mal-Kunsill. Kien hemm qbil li tiġi ffissata laqgħa bejn Kunsill, ERA, l-Professur Joseph Buhagiar u l-familja Baldacchino, flimkien mal-konsulent tal-Kunsill.<br><br>F'dan il-ħin ħareġ mis-seduta l-Kunsillier Kyle Mifsud ( 20.50) |
| | | |
| ***35.10*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| | | F'dan il-ħin 21:15 kien hemm qbil unanimu li s-seduta titkompla biex jiġu eżawriti l-punti kollha tal-aġenda. |
| | | |
| 35.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Persuni li għandhom l-għalqa fi Triq il-Qrendi ffirmaw petizzjoni li jridu sleeping policeman quddiem l-għalqa tagħhom. Kien hemm qbil li jekk it-talba hi li ssir viċin il-liwja bejn Qrendi u Żurrieq, issir, imma jekk din it-talba hi 'l bogħod mil-liwja ma issirx.<br>• Transport Malta infurmat li ser isiru żewġ parkeġġi għall-vetturi li jaħdmu bl-elettriku fi Triq Don Carlo De Giovanni Inglott.<br>• Fakkret lill-Kunsilliera li fl-ewwel ta' Lulju, ssir laqgħa filgħodu biex tittella l-polza tal-gabbani tal-festi.<br>• Il-Kunsill tal-Qrendi talab l-għajnuna tal-Kunsill taż-Żurrieq biex isemmi isem ta' triq li tiġi quddiem iċ-ċimiterju tal-Qrendi. Ġie ssuġġerit li t-triq tissemma Triq iċ-Ċimiterju ta' San Nikola. Kien hemm qbil. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Sar suġġeriment biex il-U bars li hemm fi Triq Dun Guzepp Zammit quddiem l-iskola jitressqu 'l ġewwa għax it-trasport tal-iskola ma jkunx jista jippakja u jiftaħ il-bieb tal-privat. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Suġġeriment biex kull fejn hemm parkeġġ għal M/C isiru xi tip ta' bollards jew brackets mal-art sabiex ma jipparkjwx vetturi minflok muturi. Kien hemm qbil li il-Kunsill jistaqsi lit-TM jekk hux il-każ li jekk tali parkeġġ jinżebaħ bl-isfar minflok bl-abjad, vetturi li jkunu ipparkjati fuq M/C jiġux imħarka, għax skont l-uffiċjali pubbliċi M/C b'kulur abjad ma jfisser xejn.<br>• Persuni li ta' kull sena jorganizzaw attivita għall Halloween qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex għal din is-sena l-kunsill joħroġ il-permessi meħtieġa, jiprovdi LESA officers u ambulanza. Dan il-punt ser jii diskuss waqt seduta oħra waqt li jkunu ġreżenti il-Kunsilliera li jorganizzaw l-attivitajiet.<br>• Rappreżentanti minn Tent Village ġo Hal Far qed jitolbu għal sleeping policeman quddiem il-gate tagħhom li tkun ukoll zebra crossing, dan minħabba l-periklu li qed ikunu fiha l-ħaddiema u r-residenti tat-tent village. Kien hemm qbil li jitalab il-permess ta' TM. |
| | | |
| | | |
| ***36.11*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 36.11.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jinqraw. |
| | | |
| ***36.12*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 36.12.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €59,565.41<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsillier Kaydem Schembri u Dino Bonnici. |
| | | |
| ***36.13*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 36.13.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-22:00 Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju, 2022, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 27 ta' LULJU, 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Rita Grima | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |